# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' April 2021

**Rik. Div. Nru : 49/2021 JPG**

**Kawza Nru : 7**

**DV**

**U**

**CV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' DV u CV datat 4 ta' Frar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hamsa ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disghin (05/05/1993) u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg taghhom (Dok A);*

2. *Illi miz-zwieg taghhom, twieldet S li llum hija adulta u indipendenti;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Abela tal-erbatax ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (14/12/2005)(kopja hawn annessa u mmarkata Dok B)*

4. *Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu ddekadew mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin; filwaqt li llum l-ebda manteniment m'huwa dovut ghall-bint, stante li llum hija adulta, mizzewga u indipendenti;*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum*

*il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi r-rikorrenti CV tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia 'M';*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tawtorizza lir-rikorrenti CV tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia 'M';*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rar ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 14 ta' April 2021;

Rat id-digriet taghha datat 16 ta' April 2021;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DV** xehed (vide affidavit fol 3) illi l-kontendenti izzewgu nhar il-5 ta' Mejju 1993 u li minn dan

iz-zwieg twieldet tifla. Iddikjara illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Abela nhar l-14 ta' Dicembru 2005. Zied jghid illi bejniethom ma hemmx manteniment waqt li versu bintu baqa jikkontribwixxia sakemm din ghalqet it-tmintax (18)-il sena. Sostna illi qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess peress li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u ghalhekk jixtieq li jiehdu d-divorzju.

**CV** xehdet (vide affidavit fol 4) u kkollaborat u kkonfermat dak li xehed zewgha. Di piu', xehdet illi bintha illum hija maggiorenni u mizzewga. Xehdet ukoll li DV dejjem hallas il-manteniment dovut fir-rigward ta' binthom. Ikkonfermat ukoll ix-xewqa illi tirriverti ghallkunjom xbubitha u cioe' M.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Mejju 1993, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 571/1993 (Vide certifikat taz-zwieg a fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggiorenni u mizzewga.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Abela nhar l-14 ta' Dicembru 2005 (vide Dok B, kuntratt tas-separazzjoni fol 6 et seqq.). Di piu', mill-atti u dikjarazzjonijiet tal-partijiet jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di piu', il-Qorti rat illi kemm fir-rikors, kif ukoll mix-xhieda ta' CV, l-istess V talbet li tirriverti ghall-kunjom xbubitha, u cioe, M.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 571/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lil CV sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe, 'M' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehiega.**

**Spejjez ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**